MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1370/2003

Victor Chircop (ID 195433(M)) u martu Concetta Chircop (ID 476757(M))
-vs-
Ray u Marisa konjugi Spiteri

SEDUTA TAT-28 TA’ GUNJU 2005

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew: -

Illi ai terrnini ta’ skrittura ffirmata bejn l-attur u l-konvenuti, il-konvenuti obbligaw rwiehhom illi jhallsu lill-attur s-somrna komplessiva ta’ hdax-il elf lira mija u hamsin liri Maltin (Lrn 11,150),u vera kopja tal-istess skrittura qed tigi hawn annessa bhala Dokument “A”;

Illi, ai termini tal-istess skrittura, din is-somma kellha tithallas permezz ta’ wiehed u hamsin (51) pagament ta’ mitejn u hmistax-il liri Maltin (Lm215) kull wahda, dovuti kull gimgha bl-ewwel pagament dovut fis-6 ta’ Jannar 2003 u pagament wiehed (1) ta’ mija u hamsa u tmenin liri

(Lm185) dovut fis-29 ta' Dicembru 2003 u f'kaz illi l-konvenuti jonqsu li jhallsu erba' pagamenti konsekuttivi, il-bilanc pendenti jsir dovut kollu minnufih;

Illi l-konvenuti hallsu biss is-somma komplessiva ta' elf disa' mija u ghoxrin lira (Lm 1920) u cioe ammont ekwivalenti ghal tmien pagamenti u bilanc mid-disa' pagament, u ghalhekk jirrizulta illi sal-lum huma fallew wiehed u erbghin (41) pagament konsekuttiv, kif ser jigi ampjament ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi oltre dan u a tenur tal-istess skrittura, il-konvenuti ghandhom jirrinkorru f'penali ta' lira (Lm l) kuljum fuq kull pagament illi ma sarx fit-hin;

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u llum, l-bilanc kollu jinsab dovut flimkien ma' penali ta' lira (Lrn l) kuljurn ghal kull pagament illi ma sarx fil-hin li ghandha tigi kkalkolata mid-data ta' kull pagament fallut sad-data tal-effettiv pagament;

Illi 1-konvenuti, interpellati diversi drabi sabiex ihallsu, baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara illi l-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu skond l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet;

2. Tiddikjara konsegwentement lill-konvenuti debituri tal-atturi fis-somma ta' disat elef mitejn u tletin liri (Lrn9230);

3. Tiddikjara illi a tenur tal-istess skrittura, l-konvenuti nkorrew f' penali ta' lira (Lm l) kuljum ghal kull pagament illi ma sarx fil-hin illi ghandha tigi kkalkolata mid-data ta' kull pagament fallut sad-data tal-effettiv pagament;

4. Tillikwida l-ammont ta' penali dovuta lill-attur da parti tal-konvenuti mid-data ta' kull pagament fallut sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni odjerna, salv kwalunkwe

ammont iehor dovut bhala penali mid-data tal-prezentata tal-istess citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament;

5. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disat elef mitejn u tletin lira Maltin (Lm9230);

6. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' dik is-somma li tigi likwidata bhala penali mid-data ta' kull pagament fallut sad-data tal-prezentata tac-citazzjon odjerna u ta' kwalunkwe ammont iehor dovut bhala penali kkalkolat mid-data tal-prezentata ta' din iccitazzjoni sad-data tal-effettiv pagament

B1-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid Nru 2201/03, tal-mandat ta' sekwestru Nru 2202/03 u tal-mandat ta' sekwestru Nru 2225/03, u bl-imghaxijjet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) kkalkolati min-notifika ta' dan 1-att sal-pagament effettiv kontra 1-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kif registrata fil-kors tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2005 li biha ammettew it-talbiet kollha kif dedotti fic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi kif registrata fil-kors tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2005 li biha irrinunzjaw ghat-tielet, ir-raba' u s-sitt talba kontenuti fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati, fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel, it-tieni u l-hames talba kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet, ir-raba' u s-sitt talba kontenuti fic-citazzjoni

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------